Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) M. Noko Ngele għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta' Ottubru 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-302/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija favur l-impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia — Tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali — Irkupru"

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Kundizzjonijiet — Implementazzjoni ta' proċedura li tiżgura eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikoli 88(2) KE u 249 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3)) (ara l-punti 35, 36, 38)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li tiġi rkuprata l-għajnuna illegali — Motivi ta' difiża — Impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni — Diffikultajiet ta' eżekuzzjoni — Obbligu tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru li jikkollaboraw fis-sejba ta' soluzzjoni li tosserva t-Trattat (Artikoli 10 KE u 88(2) KE) (ara l-punti 40-42)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Adozzjoni mill-qorti nazzjonali tal-miżuri ta' sospensjoni provviżorji — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3)) (ara l-punti 45-47)*

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Obbligu — Obbligu ta' eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni — Proċeduri leġiżlattivi, intiżi sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, adottati tard — Ksur tal-obbligu (Artikoli 88(2) KE u 249 KE) (ara l-punti 53-55)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikoli 2, 5 u 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar miżuri ta' għajnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali [notifikata bin-Nru C(1999)4268], (ĠU L 150, p. 50).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna mogħtija abbażi tas-sistema ta' għajnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajnuna favur l-impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Ottubru 2011 — ThyssenKrupp Acciai Speciali Terni *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda C-448/10 P sa C-450/10 P)

"Appell — Kumpens għal esproprjazzjoni minħabba raġunijiet ta' utilità pubblika — Estensjoni ta' tariffa preferenzjali għall-provvista tal-elettriku — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' 'vantaġġ' — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali — Żnaturament — Kunċett — Appell manifestament inammissibbli u manifestament infondat"